# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 10 T'OTTUBRU, 2000.

**Kawza Nru. 7.**

**Rikors Nru. 1154/00 JRM.**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Ivan u Simone mizzewgin Bartoli.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici Bank of Valletta p.l.c., ikkoncediet "Loan Facility" lill-konvenuti Ivan u Simone mizzewgin Bartoli;

Illi l-attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti Ivan u Simone mizzewgin Bartoli fis-somma ta' erbatax-il elf, seba' mija u wiehed u sebghin liri Maltin u sebgha u erbghin centezmu (LM14,771.47) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Ivan u Simone mizzewgin Bartoli mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A") flimkien mal-imghax ulterjrui mill-1 t'April, 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 20 ta' Marzu, 2000 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok "B", sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tikkundanna lil Ivan u Simone mizzewgin Bartoli jhallsu lill-attrici s-somma ta' erbatax-il elf, seba' mija u wiehed u sebghin liri maltin u sebgha u erbghin centezmu (LM14,771.47) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Ivan u Simone mizzewgin Bartoli mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' April 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 20 ta' Marzu, 2000 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn isss sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat iz-zewg noti tal-konvenuti li bihom ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenujti it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi **tilqa' ttalba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**10, t'Ottubru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**10, t'Ottubru, 2000.**